Bord dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija
ta' Malta
Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja
Palazzo Ferreria, 310, Republic Street, Valletta, MALTA
Tel: (+356) 2590 3281
*Email*: mppb.family@gov.mt • *Website*: www.mppb.gov.mt

# Linji Gwida dwar is-Superviżjoni maħruġa mill-MPPB

## Għaliex għandu jkun hemm is-superviżjoni?

Linji gwida adottati mill-Bord dwar il-Professjoni tal-Psikologija ta' Malta (MPPB) jagħtu support lill-psikologi u lill-prattikanti tal-psikoloġija sabiex jipprovdu prattika ta' natura kompetenti u etika lill-klijenti, b'tali mod li dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jibbenefikaw minn servizz ta' kwalità. "Klijenti" tista' tinkludi (iżda m'hijiex limitata għal) organizzazzjonijiet, kuntratturi, gruppi u individwi.

Hija r-responsabbiltà ta' kull psikologu u prattikant tal-psikoloġija li jkunu familjari ma' kwalunkwe linji gwida stipulati mill-Bord li huma rilevanti għal kull qasam li jipprattikaw fih.

L-MPPB huwa obbligat li jassigura lill-pubbliku li kull psikologu qiegħed imantni l-kompetenza tiegħu. L-MPPB tqis is-superviżjoni, flimkien ma' rekwiżiti oħrajn tas-CPD, bħala ċentrali sabiex ikun jista' jinkiseb dan. Minbarra li tiżgura l-kompetenza kontinwa tal-psikologi, is-superviżjoni hija essenzjali għal kwalunkwe programm ta' studji rikonoxxut ta' kull Bord, u hija rekwiżit sabiex tingħata il-warrant.

## Is-superviżjoni hi obbligatorja :

Il-Bord jistenna li l-psikologi prattikanti kollha jinvolvu ruħhom fis-superviżjoni, irrispettivament mill-istadju tal-karriera u il-kuntesti/ambjent tax-xogħol tagħhom. Il-Bord huwa flessibbli fit-twemmin tiegħu li stili differenti ta' superviżjoni japplikaw għal psikologi differenti f'diversi oqsma ta' prattika u waqt żminijiet differenti fil-karriera tagħhom.

## Ftehim tas-Supervizjoni :

Il-persuna taħt superviżjoni u superviżur għandhom jistabilixxu ftehim. Is-superviżjoni għanda ssir f'post u f'ħin skedat, sabiex jiġu diskussi kwistjonijiet professjonali u biex tingħata feedback dwar l-aspetti kollha tal-prattika. L-għan huwa li tiġi żgurata kwalità għolja ta' servizz, titjieb fil-prattika u jiġi mmaniġġjat il-benesseri ġenerali tal-persuna taħt superviżjoni.

Relazzjoni ta' fiduċja u ta' kollaborazzjoni bejn is-superviżur u l-persuna taħt superviżjoni hija komponent essenzjali ta' superviżjoni effettiva. Is-superviżur għandu jkun konxju tal-iżbilanċ ta' qawwa implikata fir-relazzjoni ta' bejn is-superviżur/il-persuna taħt superviżjoni. Hemm bżonn li jiġu diskussi l-aspettativi tas-superviżjoni, kif ukoll it-trasparenza dwar kwalunke restrizzjonijiet marbuta mal-kunfidenzjalità. Jeħtieġ li teżisti relazzjoni ta' rispett sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu l-għanijiet tas-superviżjoni.

It-tnejn li huma għandhom iżommu noti mill-proċess ta' superviżjoni. Dawn in-noti għandhom jinżammu għal perjodu ta' mhux aktar minn 5 snin. Apparti minn hekk, għandu jinżamm ukoll rekord tad-data u tat-tul ta' kull sessjoni tas- superviżjoni.

Għalkemm is-superviżjoni tista' tvarja skond il-bżonnijiet tal-persuna taħt superviżjoni, il-proċess jinvolvi riflessjoni, kunsiderazzjoni; pjanijiet għall-interventi; u evalwazzjoni.

**Għan tas-superviżjoni :**

- Li tippromwovi l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-psikologi;
- Li tgħin lill-prattikanti tal-psikoloġija sabiex iwettqu l-obbligi tagħhom għal-warranting;
- Li toffri forma ta' responsabbiltà għall-psikologi/prattikanti tal-psikolġija;
- Li jassistu lill-psikologu jew prattikant tal-psikoloġija li jeżaminaw l-effettività tax-xogħol tagħhom mal-klijenti; u
- Li jwettaq irwol t'appoġġ fir-rigward tal-persuna taħt superviżjoni.

**Is-superviżjoni bħala parti ċentrali tax-xogħol tal-psikologu:**

L-attività ta' superviżjoni hija meqjusa bħala parti ċentrali tax-xogħol tal-psikologu. Minħabba l-importanza tagħha, il-psikologi għandhom iwettqu taħriġ fis-superviżjoni, u għandhom jfittxu ukoll 'superviżjoni tas-superviżjoni'. Il-Bord iqis li huwa importanti li organizzazzjonijiet, maniġers, jew persuni responsabbli li jimpjegaw psikologi/prattikanti tal-psikoloġija, jirrikonoxxu li r-riċeviment u l-għoti ta' superviżjoni huma funzjonijiet essenzjali għall-prattika tal-psikoloġija.

Superviżuri ta' suċċess juru interess u impenn lejn l-iżvilupp professjonali tal-persuna taħt superviżjoni. Huma għandhom jkunu mudelli ta' kondotta etika u professjonali, inkluż iż-żamma ta' konfini xierqa u l-prattika/s-superviżjoni fi ħdan il-kompetenza tagħhom.

Matul is-superviżjoni jista' jkun hemm drabi meta jkun meħtieġ għas-superviżur li jenfasizza xi kwistjoni personali tal-persuna taħt superviżjoni li tkun qed tħalli impatt fuq ix-xogħol tiegħu/tagħha. Jekk jinqalgħu kwistjonijiet sinifikanti li jistgħu jindikaw xi forma t'assistenza jew terapija psikoloġika hija meħtieġa, is-superviżur għandu jħeġġeġ lill-persuna taħt superviżjoni sabiex jieħu ħsieb iwettaq dan ma' terapista indipendenti.

**Kwistjoni kulturali :**

Minħabba d-diversità kulturali li dejjem tikber ta' żminijietna, il-psikologi/prattikanti kollha li jaħdmu ma' individwi jew ta'gruppi kulturali differenti, għandhom ifittxu arranġament formali ta' superviżjoni kulturali għal kwalunkwe komponenti relatati mal-kultura tal-prattika professjonali tagħhom.

**Superviżjoni individwali jew fi grupp :**

Is-superviżjoni normalment tinvolvi laqgħat fuq bażi individwali. F'xi drabi u f'xi sitwazzjonijiet (e.ż. psikologi b'esperjenza jew ta' Psikologu Anzjan) is-superviżjoni fi grupp jew bejn il-kollegi, tista' tkun żieda xierqa. Il-persuna taħt superviżjoni għanda tiżgura li l-format u l-frekwenza tas-superviżjoni, qegħdin jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom.

**Frekwenza tas-superviżjoni :**

Huwa rrakkomandat li l-frekwenza tas-superviżjoni tkun ta' minimu ta' siegħa fix-xahar għall-psikologi li jaħdmu fuq bażi *full-time* u l-ekwivalenti tagħha fil-prattika fuq bażi *part-time*. Il-frekwenza tas-superviżjoni jista' jkollha bżonn li tiżdied f'xi sitwazzjonijiet, fejn il-persuna taħt superviżjoni tkun prattikanta tal-psikoloġija, jew meta jkun hemm impenn għal qasam ġdid ta' xogħol jew tkun qed tiġi mgħallma ħila ġdida.

Kull psikologu u s-superviżur tiegħu għandhom jirrevedu l-effettività tas-superviżjoni tagħhom b'mod regolari.

**Kif tagħżel superviżur xieraq :**
Hija r-responsabbiltà ta' kull psikologu li jsib superviżur xieraq. Jekk ikun hemm dubju, il-persuna taħt superviżjoni tista' tirreferi għas-sit elettroniku tal-MPPB fejn tinstab lista ta' superviżuri reġistrati. Minħabba l-ħtieġa ta' fiduċja u ta' qbil tajjeb fejn jidħol ix-xogħol bejn il-psikologu u s-superviżur tagħhom, l-għażla tas-superviżur għandha tkun tal-psikologu u m'għandhiex tiġi imposta.

Jekk ma jinstabx superviżur xieraq mill-istess pajjiż, huwa aċċettabbli li l-persuna taħt superviżjoni jidentifika superviżur minn barra l-pajjiż. F'dan il-każ, is-sessjonijiet ta' superviżjoni jistgħu isiru b'mod elettroniku (e.ż. permezz tat-telefown, posta elettronika, *Skype* jew telekonferenza). F'dan il-każ, evidenza tar-reġistrazzjoni ċċertifikata tas-superviżur mill-Bord f'dak il-pajjiż, jeħtieġ li tiġi pprovduta lill-MPPB.

**Relazzjonijiet doppji :**
Kull fejn huwa possibli, għandhom jiġu evitati relazzjonijiet doppji. F'ċirkustanzi fejn ir-relazzjonijiet doppji huma inevitabbli, is-superviżur u l-persuna taħt superviżjoni, għandhom jiddiskutu l-implikazzjonijiet ta' dawn ir-relazzjonijiet fuq il-proċess ta' superviżjoni u jinnotaw kwalunke passi li jkunu ġew miftiehma għall-ġestjoni tar-relazzjonijiet doppji fil-kuntratt.

**Eliġibbiltà bħala superviżur :**
Is-superviżuri huma psikologi li jkunu ilhom li akkwistaw il-warrant minn tal-inqas sentejn u li jkunu attendew kors ta' superviżjoni rikonoxxut mill-MPPB. Psikologi li għandhom il-warrant li jkunu ilhom jaħdmu għal perjodu ta' mill-inqas sitt snin jew Psikologi li kienu f'pożizzjonijiet għoljin (e.ż. Psikologu Anzjan, Psikologu Prinċipali) fuq il-post tax-xogħol tagħhom, jistgħu wkoll jieħdu l-irwol ta' superviżur. Dan ma jeskludix lill-psikologi żgħażagħ milli jiggwidaw ukoll lill-kollegi tagħhom jew lill-prattikanti psikologi oħra fil-kapaċità tagħhom bħala professjonisti. Dan l-irwol, madanakollu, ikun wieħed informali, u m'għandux ikun irwol li jiġi mpost fuq il-psikologu żgħażugħ.

**Meta s-superviżur ma jkunx psikologu:**
Hemm sitwazzjonijiet li jista' jkun aħjar li l-psikologi jkollhom superviżjoni ma' persuna li m'huwiex psikologu. Madanakollu din il-persuna għandha tkun irreġistrata ma' korp professjonali rikonoxxut. Il-prattikanti kollha tal-psikoloġija, però, huma mistennija li jwettqu s-superviżjoni tagħhom ma' psikologu li jaħdem fil-qasam ta' l-speċjalizzazzjoni tagħhom, u li jissodisfa lill-Bord li għandu r-rekwiżiti meħtieġa sabiex jaġixxi bħala superviżur.

**Obbligi tas-superviżur :**
Kwalunkwe aspettativi u obbligazzjonijiet tas-superviżur għandhom jiġu ċċarati u magħmula espliċiti waqt il-mument li fih ikun qed jiġi mfassal il-kuntratt ta' superviżjoni. Is-superviżur għandu responsabbiltajiet ta' natura paralleli mal-persuna taħt superviżjoni, mal-klijenti u ma' kwalunkwe organizzazzjoni li huma jkunu qegħdin jipprovdu servizzi.

Is-superviżur jibqa' responsabbli fis-sens ġenerali li jipprovdi gwida xierqa u etika.

Skond ir-rekwiżiti tal-proċess sabiex tkun tista' tingħata l-warrant, is-superviżuri huma mistennija li jipprovdu rapport bil-miktub li jiċċertifika li l-persuna taħt superviżjoni hija lesta li tirċievi l-warrant, u għalhekk huma meħtieġa li jipprovdu lill-Bord b'rapport qasir li jikkummenta dwar l-adegwatezza tal-kandidati li jingħataw il-warrant.

**Obbligi tal-persuna taħt superviżjoni :**
Min-naħa tagħha, il-persuna taħt superviżjoni għandha responsabbiltajiet ċari lejn is-superviżur f'termini ta' preżentazzjoni ta' materjal b'mod miftuħ u onest lill-istess superviżur. Il-persuna taħt superviżjoni hija responsabbli sabiex iżomm mal-ħinijiet miftiehma tal-laqgħat, u għal arranġamenti oħra deskritti fil-ftehim tas-superviżjoni.

**Kunfidenzjalità :**
Il-kontenut tar-relazzjoni tas-superviżżjoni normalment ikun kunfidenzjali. Kwalunkwe restrizzjonijiet fuq il-kunfidenzjalità għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar. Is-superviżur għandu obbligu professjonali ewlieni li jissorvelja u jimmaniġġja r-riskju ta' ħsara emozzjonali/fiżika lill-klijent, lill-persuna taħt superviżjoni, jew oħrajn li jistgħu jinqalgħu fl-isfera tar-responsabbiltà tas-superviżżjoni. Dan id-dmir jista', f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jissupera d-dover li tiġi ppreservata l-kunfidenzjalità tar-relazzjoni tas-superviżżjoni, bħal f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm perċezzjoni ta' riskji serji għas-sigurtà emozzjonali jew fiżika tal-persuna taħt superviżjoni jew tal-klijent.

**Tħassib dwar il-prattika tal-persuna taħt superviżjoni :**
Jekk superviżur ikollu xi tħassib dwar il-prattika tal-persuna taħt superviżjoni, dawn il-problemi għandhom jiġu diskussi mal-persuna taħt superviżjoni. Jekk il-problema ma tkunx ġiet solvuta għas-sodisfazzjoni tas-superviżur, din għandha tkun diskussa ma' parti terza miftiehma miż-żewġ partijiet fil-mument tat-tfassil tal-ftehim tas-superviżjoni.

Jekk is-superviżur ikollu tħassib li l-persuna taħt superviżjoni jista' jkun ta' riskju għall-pubbliku peress li jkun jipprattika taħt l-istandard meħtieġ ta' kompetenza, huma obbligati li jinnotifikaw lill-Bord.

**Klijenti tal-persuna taħt superviżjoni :**
Il-klijenti tal-persuna taħt superviżjoni għandhom id-dritt li jiġu infurmati li s-superviżjoni tkun qed isseħħ, l-iskop ta' dan il-proċess, l-identità tas-superviżur u l-grad sa fejn dan jista' jikkomprometti l-kunfidenzjalità.

**Formati ta' superviżjoni :**
Is-superviżjoni fuq bażi individwali tinvolvi li psikologu jew prattikant tal-psikoloġija jkunu ssorveljati minn superviżur ikkwalifikat u rikonoxxut mill-Bord li jkun mill-istess qasam ta' speċjalizzazzjoni; Is-superviżjoni fi grupp titwettaq minn superviżur rikonoxxut u maħtur mill-Bord, għall-iskop ta' superviżjoni ta' grupp ta' psikologi.;
Is-superviżjoni/l-interventi bejn il-kollegi hija mwettqa minn psikologi t'esperjenza li jipprovdu superviżjoni lil xulxin fuq bażi reċiproka. Psikologi jisgħu jagħmlu 50% tas-superviżjoni/interventi fi grupp jew mal-kollegi. Persuni li jkunu qegħdin jaħdmu lejn il-warrant, jistgħu jirċievu is-superviżjoni biss fuq bażi individwali minn superviżur irreġistrat.

**Assigurazzjoni personali t'indennità professjonali :**
Ikun tajjeb li s-superviżuri ikollhom assigurazzjoni personali t'indennità professjonali.

**Rikonoxximenti**
Dan id-dokument huwa bbażat fuq materjal minn *The British Psychological Society, Division of Clinical Psychology*, *Policy Guidelines on Supervision in the practice of Clinical Psychology*.

Ġunju 2026